MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1086/2005

**Rimus Trading Agency Limited (C20020)**

**Vs**

**Carmelo Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas mill-konvenut ta' elf' mija tlieta u tletin Lira Maltin (LM1,133.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Rimus Trading Agency Limited, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil konvenut, Il-konvenut interpelllat diversi drabi biex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl- imghaxijiet legali mid-19 ta' Lulju, 2004 li hija data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' qbid u l-mandat ta' sekwestru

pprezentat kontestwalment, u tal-ittra bonarja tal-21 ta' Frar, 2005 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut li permezz taghha eccepiexxa illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante
li s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u jekk hemm xi debitu dovut dan huwa dovut mis-socjeta' Belleview Limited, li taghha l-konvenut l-anqas huwa biss direttur. Bl-ispejjez kontra l-Atturi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra x-xhieda bl-Affidavit ta' Malcolm Jones u ta' Carmel Caruana.

Ra x-xhieda ta' Alfred Vella u Carmelo Vella.

Ra t-*transcripts* ufficjali tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Magistrat Joseph Apap Bologna, fl-atti tar-rikors tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mat-talba, x-xhieda kienu Malcolm Jones u Carmel Caruana ghas-socjeta' attrici u mir-rikorrent Carmelo Vella.

Ra l-Atti kollha tar-Rikors tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mat-talba attrici.

Ra d-dokument kollha ezebiti mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra

Mix-xhieda u dokumenti jirrizulta li s-socjeta' attrici bieghhet u kkonsenjat il-prodotti taghha lil-Portobello Restaurant. L-istess socjeta' attrici esebiet dokumenti li jindikaw li l-bilanc dovut fuq il-prodotti mibjugha jammontaw ghal konvenut ta' elf' mija tlieta u tletin Lira Maltin (LM1,133.00). Dan l-ammont ma giex ikkontestat mil- konvenut iffoka biss fil-kwistjoni ta' ma hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

Mix-xhieda ta’ Carmelo Caruana, Salesman ta’ Rimus Trading Agency Limited it-Tribunal ha konjizzjoni mill-fatt illi s-socjeta’ attrici kienet ghal snin twal tbiegh u tikkonsenja lil istabbiliment imsejjah bhala Portobello Restaurant fil-Mellieha. Illi n-negozju dejjem tmexxa flimkien mall-konvenut u mas-socjeta’ attrici fiz-zmien meta l-Belleview Restauarant kienet ghadha miftuha. Tul dan iz-zmien il-konvenut qatt ma kien semma li hemm socjeta’ involuta minfloku. Illi skond id-delivery notes/invoices ezebiti dawn kienu dejjem f’isem Belleview Restauarant u ffirmati jew minn Carmelo Vella jew impjegati ohra. Qatt ma kien gie rrimarkat tul is-snin illi hemm socjeta’ li tiggestixxi il-Belleview Restaurant. Mix-xhieda tas-salesman Carmel Caruana jidher illi meta nfetah kont mas-socjeta’ attrici sabiex jinghata *credit terms* il-formoli gew mimlija f’isem Carmelo Vella bhala sid ta’ Belleview Restauarnt.

Ra x-xhieda ta’ Alfred Vella, Managing Director ta’ Belleview Ltd u li huwa hu l-konvenut. Gie ddikjarat illi s-socjeta Belleview Limited hija s-socjeta’ li kienet tigestixxi il-Belleview Restauarant, u li kienet l-istess Belleview Ltd li kienet thallas l-invoices. Gie ikkonfermat mix-xhud illi l-ammont mitlub mhuwiex ikkontestat pero’ m’ghandux jithallas minn individwu.

Ra x-xhieda ta’ Alfred Vella li qal li huwa kien impjegat mall-Belleview Limited u li ma kellu ebda debitu mas-socjeta’ attrici.

Ra l-Atti kollha tar-Rikors tar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mat-talba attrici. Ra s-sentenza moghtija mill-Magistrat Apap Bologna fl-atti tar-rikors tar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mat-talba fejn giet michuda t-talba rikorrenti bl-ispejjez.

Ra gurisprudenza in materja fosthom Charles O’Flaherty noe vs Jospeh Micallef (Cit Nru 885/85JDC), Camel Brand ltd vs Michael Debono ( Cit Nru 1184/2001 RCP), Frank Cilia noe vs Charles Scicluna (Cit Nru

1337/90JDC.) F'dawn il-kawzi id-decizjonijiet hija kostanti l-principju stabbilit illi meta negozju jkun gestit minn socjeta' huw l-obbligu ta' din is-socjeta' lli tinforma u tindika dan bl-aktar mod car u inekwivoku lill-persuni li jkunu qieghdin jinnegzjaw maghha.

Jidher mill-atti lli s-socjeta' attrici kienet zmien twil tikkonsenja u tbiegh merkanzija lil Belleview Restaurant, u qatt ma ngibed l-attenzjoni tul dak iz-zmien illi l-konvenut kien qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentaza tas-Socjeta' Belle View Limited u l-anqas qatt l-konvenut kien infurma lis-socjeta' attrici li n-negozju tal-Belle View Limited kienet gestita mis-socjeta' Belle View Limited. Kien ma l-eghluq tal- Belle View Restaurant, illi ma tkomplewx jithallsu l-invoices.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u estendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Is-Socjeta' attrici ghandha tiehu s-somma ta' elf' mija tlieta u tletin Lira Maltin (LM1,133.00) tant illi dan l-ammont qatt ma gie kkontestat.

Fil-kaz in ezami fir-risposta taghha il-konvenut allega li ma hemmx ebda relazzjoni guridika. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova dokumentata f'dawn il-proceduri. Mix-xhieda ta' Alfred Vella ix-xhud stess qal li Belleview Ltd kienet thallas l-invoices li kienet tircievi. Dawn l-invoices qatt ma tbaghtu f'isem Socjeta' izda dejjem lil Portobello Restaurant. Dan ifisser illi l-invoices mis-socjeta' attrici li kienu jibghatu fil-passat kienu jghaddu kif ezebiti u qatt ma kien hem problema ta' hlas. It-Tribunal fehem illi l-problemi ta' hlas bdew ma' l-eghluq ta' Belleview Restaurant. Tenut kont ta' dan, it-Tribunal ma jistax ma jaccettax il-provi esebiti mis-socjeta' attrici.

Illi dwar il-*quantum* mitlub diga' gie osservat 'supra' li dwaru m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont mitlub fl-Avviz bl- imghaxijiet legali mid-19 ta' Lulju, 2004 li hija data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' qbid u l-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u tal-ittra bonarja tal-21 ta' Frar, 2005 kontra l-konvenut.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------